

Dan id-dokument għe magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

► **B**

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (AFFARIJJIET ĠENERALI)

tal-1 ta' Diċembru 2009

li tistabbilixxi l-lista ta' konfigurazzjonijiet tal-Kunsill b'żieda ma dawk imsemmija fit-tieni u t-tielet subparagrafi tal-Artikolu 16(6) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea

(2009/878/UE)

(ĠU L 315, 2.12.2009, p. 46)

Emendata minn:

Ġurnal Uffiċjali

	Nru	Paġna	Data	
► <u>M1</u>	Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/594/UE Ewropew tas-16 ta' Settembru 2010	L 263	12	6.10.2010



DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (AFFARIJJIET ĠENERALI)

tal-1 ta' Diċembru 2009

li tistabbilixxi l-lista ta' konfigurazzjonijiet tal-Kunsill b'żieda ma dawk imsemmija fit-tieni u t-tielet subparagrafi tal-Artikolu 16(6) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea

(2009/878/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Protokoll dwar id-dispożizzjonijiet transitorji, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 4 tal-Protokoll dwar id-dispożizzjonijiet transitorji jipprevedi li sad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew imsemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 16(6) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea rigward il-lista ta' konfigurazzjonijiet tal-Kunsill, il-lista ta' konfigurazzjonijiet tal-Kunsill, barra minn dawk tal-Affarijiet Ġenerali u Affarijiet Barranin, għandha tiġi stabbilita mill-Kunsill tal-Affarijiet Ġenerali, li jaġixxi b'maġġoranza sempliċi.
- (2) Il-lista ta' konfigurazzjonijiet tal-Kunsill ġiet stabbilita mill-Kunsill (Affarijiet Ġenerali) fit-22 ta' Lulju 2002, bħala parti mill-Anness I għar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill u b'segwitu għal-lista li ġiet maqbula fil-Kunsill Ewropew li ltaqgħa f'Sevilja fil-21 u t-22 ta' Ġunju 2002.
- (3) Sabiex ikun hemm konformità mad-dispożizzjonijiet tat-Trattati, huwa xieraq li din il-lista tiġi addattata, u għandha tiddaħħal fir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-lista ta' konfigurazzjonijiet tal-Kunsill imsemmija fl-Artikolu 4 tal-Protokoll dwar id-dispożizzjonijiet transitorji hija mniżżla fl-Anness.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-ġurnata tal-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tiġi ppubblikata f'*Il Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

▼B*ANNEX***LISTA TA' KONFIGURAZZJONIJIET TAL-KUNSILL**

1. Affarijiet ġenerali ⁽¹⁾;
2. Affarijiet barranin ⁽²⁾;
3. Affarijiet ekonomiċi u finanzjarji ⁽³⁾;
4. Ġustizzja u affarijiet interni ⁽⁴⁾;
5. Impjiegi, politika soċjali, saħħa u affarijiet tal-konsumatur;
- **M1** 6. Kompetittività (suq intern, industrija, riċerka u spazju) ◀ ⁽⁵⁾;
7. Trasport, telekomunikazzjonijiet u enerġija;
8. Agrikoltura u sajd;
9. Ambjent;
- **M1** 10. Edukazzjoni, żgħażaġħ, kultura u sport ◀ ⁽⁶⁾.

⁽¹⁾ Din il-konfigurazzjoni hija stabbilita bl-Artikolu 16(6), it-tieni subparagrafu, tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

⁽²⁾ Din il-konfigurazzjoni hija stabbilita bl-Artikolu 16(6), it-tielet subparagrafu, tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

⁽³⁾ Inkluż il-baġit.

⁽⁴⁾ Inkluża l-protezzjoni ċivili.

⁽⁵⁾ Inkluż it-turizmu.

⁽⁶⁾ Inklużi l-affarijiet awdjoviżwali.